Regolament (KE) Nru 1335/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Regolament dwar l-Aġenzija) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3669/5/08 REV 5	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2911-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fit-2 ta' Diċembru 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1360/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li ttipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri	15579/08 + COR 1 (hu)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
L-2912-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/2008 tal-4 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1579/2007 li jistabbilixxi, għall-2008, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom applikabbli fil-Baħar l-Iswed għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut	16508/08	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2913-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-8-9 ta' Diċembru 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1299/2008 tad- 9 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2009, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd konformement mar-Regolament (KE) Nru 104/2000	15381/08 + COR 1 + REV 1 (da)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 30/2008 adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2008 bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	14288/2/08 REV 2	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 29/2008 adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2008, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-għan li jadotta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni tas-sidien ta' vapuri għal pretensjonijiet marittimi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	14287/2/08 REV 2	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Ġermanja Għall-Ġermanja r-regola fl-Artikolu 2, paragrafu 3 tfisser li l-istrumenti mniżżlin fl-Anness I għandhom ukoll il-prijorità qabel l-Artikolu 2, paragrafu 1 tad-Direttiva u skont dan tiggarrantixxi, li dawn is-sidien ta' bastiment b'tunellaġġ gross ta' inqas minn 1000, li huwa mniżżel fir-reġistru ta' bastiment ta' wieħed mill-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-Bunkers, m'għandhom iżommu l-ebda assicurazzjoni li tkopri l-indemnità tal-ħsara mit-tniġġis taż-żejt tal-bunker.			
Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-Pajjiż illegalment	PE-CONS 3653/3/08 REV 3	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: BE

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni minn Malta Ir-Repubblika ta' Malta tiddikjara li, b'kont meħud tas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali, is-suġġett tad-detenzjoni għandu jkun iddeterminat minn kull Stat Membru. Madankollu, fi spirtu ta' kompromess, Malta tista' taqbel ma' din il-proposta, għaliex hija tħalli d-deċiżjoni f'idejn l-Istati Membri dwar jekk japplikawx jew le din id-Direttiva għall-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tad-Direttiva. Dikjarazzjoni tal-Kunsill Il-Kunsill jiddikjara li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tintuża fiha nfisha bħala raġuni li tiġġustifika l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet anqas favorevoli għall-persuni li hija tapplika għalihom. Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li r-reviżjoni tas-SIS II (prevista fil-klawsola ta' reviżjoni tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006), ser tipprovdi l-opportunità biex jiġi propost obbligu ta' reġistrazzjoni fis-SIS tal-projbizzjonijiet fuq id-dħul maħruġin taħt din id-Direttiva. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tassisti lill-Istati Membri biex isibu possibbiltajiet għall-mitigazzjoni tal-piż finanzjarju li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 13(4) (għajjnuna legali b'xejn) fl-Istati Membri fi spirtu ta' solidarjetà. Il-Kummissjoni tissottolinja li jeżistu possibbiltajiet taħt il-Fond Ewropew għar-Ritorn (Deċiżjoni Nru 575/2007/KE) biex tiġi kofinanzjata azzjoni nazzjonali li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(4) (għajjnuna legali b'xejn) fl-Istati Membri: – L-azzjonijiet relatati mal-oġġettiv speċifiku ta' "promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni dwar ir-ritorn" (Artikolu 3(c)) jistgħu jinkludu appoġġ għat-"tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjoni ta' ritorn ta' kwalità għolja" (Artikolu 4(3)(a)). Il-preżenza ta' salvagwardji legali adegwati, b'mod partikolari l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi, issaħħaħ il-potenzjal għal deċiżjonijiet ta' kwalità għolja. – F'konformità mal-prijorità 4 tal-linji gwida strateġiċi tal-Fond għar-Ritorn (Deċiżjoni 2007/837/KE), il-kontribuzzjoni Komunitarja tista' tiżdied sa 75 % tal-azzjonijiet, li tiżgura "implimentazzjoni ġusta u effettiva ta' standards komuni" dwar ir-ritorn fl-Istati Membri. Dan ifisser li miżuri relatati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(4) (għajjnuna legali b'xejn) jistgħu jiġu kofinanzjati sa 75 % taħt il-Fond Ewropew għar-Ritorn. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' dan l-element meta jagħżlu l-prijoritajiet tal-programmi nazzjonali tagħhom u waqt li jkunu qed jipprogrammaw l-azzjonijiet fil-qafas tal-prijorità 4 tal-linji gwida strateġiċi. Il-Kummissjoni tiddikjara li fl-evalwazzjoni tagħha, imsemmija fl-Artikolu 19(2), hi ser teżamina l-effetti supplimentari fuq l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) L-2914-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 2008	PE-CONS 3700/2/08 REV 2	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	10934/08 + COR 1 (de) + COR 2 (da) + COR 3 (cs) + REV 1 (es)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: AT
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5 (Pjanijiet ta' Sigurtà għall-Operaturi) u l-Artikolu 6 (Uffiċjal ta' Kollegament tas-Sigurtà) Il-Kummissjoni tikkonferma li hija taċċetta li l-Istati Membri, fil-leġislazzjoni implimentattiva għal din id-Direttiva, m'għandhom għalfejn jistabbilixxu l-ebda obbligu vinkolanti fuq l-operaturi tal-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej (ECI) biex iħejju Pjanijiet ta' Sigurtà għall-Operaturi jew jaħtru Uffiċjal ta' Kollegament tas-Sigurtà. Stat Membru jeżegwixxi b'mod sħiħ ir-responsabbiltà tiegħu ta' implimentazzjoni taħt l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva jekk fil-fatt ikun ipprovdut Pjan ta' Sigurtà għall-Operaturi jew Uffiċjal ta' Kollegament tas-Sigurtà jew ekwivalenti permezz ta' miżuri eżistenti, kemm jekk huma vinkolanti u kemm jekk ma humiex. Fejn il-miżuri, inklużi miżuri Komunitarji li f'settur partikolari jeħtieġu, jew jirreferu għal ħtieġa li jkun hemm, pjan simili jew ekwivalenti għal Pjan ta' Sigurtà għall-Operaturi u superviżjoni mill-awtorità rilevanti ta' tali pjan ikunu qed jiġu osservati, dan jitqies bħala li qed jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Istati Membri bis-saħħa ta', jew adottati skont, l-Artikolu 5. Fejn il-miżuri, inklużi miżuri Komunitarji li f'settur partikolari jeħtieġu, jew jirreferu għal ħtieġa li jkun hemm, Uffiċjal ta' Kollegament tas-Sigurtà jew ekwivalenti jkun qd jiġu osservati, dan jitqies bħala li qed jiġu sodisfatti l-ħtiġiet kollha imposti fuq l-Istati Membri bis-saħħa ta', jew adottati skont, Artikolu 6.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka L-Awstrija ssostni li l-faċilitajiet nukleari għandhom jittqiesu definittivament bħala Infrastruttura Kritika Ewropea. Din hija l-fehma li l-Awstrija dejjem iddefendiet matul in-negozjati dwar id-<i>Direttiva dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritiki Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-protezzjoni tagħhom</i>. L-Awstrija tafterma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u tittama li l-faċilitajiet nukleari ikunu inklużi matul ir-reviżjoni skedata tad-Direttiva fi żmien tliet snin.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2916-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJJIET TAL-KONSUMATUR) li saret fi Brussell fis-16-17 ta' Diċembru 2008 2008/971/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi	16152/08 + COR 1 (fi) + COR 2 (fi) + COR 3 (sk) + COR 4 (fr) + COR 5 (de) + COR 6 (da) + COR 7 (sl) + COR 8 (it) + COR 9 (el) + COR 10 (es) + COR 11 (nl) + COR 12 (lv) + COR 13 (pl) + COR 14 (sv) + COR 15 (fi) + COR 16 (bg) + COR 17 (et) + COR 18 (hu) + COR 19 (fr) + COR 20 (cs)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)	14103/08 + COR 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja Il-Ġermanja tosserva bi tħassib il-proċess ta' inklużjoni progressiva ta' korpi Komunitarji deċentralizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll tal-Komunitajiet rigward l-Immunitajiet u l-Privileġġi tat-8 ta' April 1965 u jiddispijaċiha li permezz tal-adattament propost tar-Regolament li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta SESAR qed jittieħed pass ieħor f'din id-direzzjoni. Il-Ġermanja tfakkar fil-ħtieġa li jitwettaq skambju ġenerali ta' fehmiet rigward l-adeqwatezza li jingħataw privileġġi u immunitajiet fl-Ewropa magħquda, partikolarment rigward korpi Komunitarji deċentralizzati, impriżi konġunti jew istituzzjonijiet oħrajn tal-Komunità. Il-Ġermanja diġà talbet għal skambju ġenerali bħal dan ta' fehmiet f'diversi okkażjonijiet, flimkien ma' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni tat il-qbil tagħha għaż-żamma ta' dibattitu bħal dan f'firxa ta' żmien adatta, f'konnessjoni mal-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni tal-Fruntieri f'Marzu 2004. Il-Ġermanja ssostni wkoll il-fehma li l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej għall-persuni kollha impjegati ma' stabbilimenti Komunitarji għandha tkun ittrattata restrittivament. Għalhekk, il-Ġermanja titlob lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal rivalutazzjoni fil-prinċipju tal-applikazzjoni li qed issir dejjem aktar estensiva, u parzjalment mhux aktar funzjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, inklużi approċċi alternattivi possibbli.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill 2008/117/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, sabiex tiġi miġġielda l-frodi fiskali marbuta ma' transazzjonijiet intra-Komunitarji	16242/08 + COR 1 (de) + COR 2 (fi) + COR 3 (sv) + COR 4 (es) + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu) + REV 2 (mt)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 37/2009 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1798/2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, sabiex tiġi miġġielda l-frodi fiskali marbuta ma' transazzjonijiet intra-Komunitarji	16243/08 + COR 1 (es) + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kunsill Il-Kunsill jieħu nota li l-Istati Membri jintrabtu li jutilizzaw b'mod effettiv il-possibbiltajiet il-ġodda offruti mill-aċċellerazzjoni tas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitulattivi mill-persuni taxxabbli li tirriżulta mill-Artikolu 1, punt 3, tad-Direttiva u t-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li jirriżulta mill-Artikolu 1, punt 3, tar-Regolament biex tkun intensifikata aktar il-għieda kontra l-frodi tal-VAT marbuta ma' transazzjonijiet intrakomunitarji.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE	15787/08 + COR 1 (es) + COR 2 (da) + COR 3 (it) + COR 5 (lv) + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Dwar l-Artikolu 5(3): Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li, skont l-Artikolu 5(3), din id-Direttiva u d-Direttivi msemmijin fl-Artikolu 1 ma japplikawx għal Ġibiltà. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tas-Slovenja Dwar l-Artikolu 14(4): Ir-Repubblika tas-Slovenja tilqa' l-modernizzazzjoni tas-sistema ta' superviżjoni ta' merkanzija soġġetta għad-dazju tas-sisa li timxi bejn l-Istati Membri skont arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju introdotti mid-Direttiva l-ġdida. Ir-Repubblika tas-Slovenja tqis li s-soluzzjonijiet l-ġodda proposti u l-introduzzjoni ta' sistema ta' kontroll elettronika ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ġlieda kontra l-frodi fiskali fil-qasam tad-dazju tas-sisa u għalhekk tappoġġa l-adozzjoni f'waqtha tad-Direttiva li ser tippermetti l-infurzar fil-prattika tas-soluzzjonijiet il-ġodda skont l-iskadenzi stabbiliti. Madankollu, ir-Repubblika tas-Slovenja jiddispjaċiha ssib li t-test finali tal-Proposta għad-Direttiva fih ukoll il-possibbiltà ta' perijodu transitorju ta' seba' snin għall-operat ta' ħwienet bla taxxa f'postijiet oħrajn minbarra f'ajruport jew f'port miftuħ għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri. Ir-Repubblika tas-Slovenja tqis li tali arranġament jidderoga mil-linji gwida fundamentali li jirregolaw il-bejgħ ta' merkanzija bla taxxa lil vjaġġaturi fi ħwienet bla taxxa, appoġġati mill-Unjoni Ewropea sa issa, u konsegwentement tfisser trattament differenti ta' Stati Membri individwali. Skont ir-Repubblika tas-Slovenja ma hemm ebda raġuni oġġettiva għal tali trattament differenti, madankollu, b'kont meħud tal-vantaġġi kollha li għib magħha d-Direttiva proposta, is-Slovenja hija lesta li tappoġġa l-Proposta għal Direttiva fl-intier, minkejja l-oġġezzjoni prinċipali tagħha għad-dispożizzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni <u>Dwar l-Artikolu 14(5)(b):</u> Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li vjaġġ li d-destinazzjoni finali tiegħu tinsab f'territorju terz jew pajjiż terz jista' jinkludi waqfa f'ajruport jew port li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor dment li din ma teċċedix iż-żmien meħtieġ għar-raġunijiet ta' trasport u ma twassalx għal interruzzjoni tal-vjaġġ. Il-paragrafu 3 jippermetti lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li din id-dispożizzjoni tiġi applikata sewwa. Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni <u>Dwar l-Artikoli 21(3), 24(1) u 26(1):</u> Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru konsenjatur u tal-Istat Membru ta' destinazzjoni jistgħu jivverifikaw il-merkanzija soġġetta għad-dazju tas-sisa qabel il-bidu ta' moviment jew wara t-tmiem ta' moviment, dment li dawn il-verifiki ma jkunux sistematiċi iżda bbażati fuq analiżi tar-riskju, jagħmlu parti minn strateġija li tinkludi l-verifiki ta' movimenti li jseħħu kollha kemm huma fit-territorju tal-Istat Membru, u ma jipperikolawx il-prinċipju ta' moviment ħieles tal-merkanzija fi ħdan is-suq intern. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni <u>Dwar l-Artikolu 32(1):</u> Il-Kummissjoni tiddikjara li l-merkanzija soġġetta għad-dazju tas-sisa mibgħuta bħala rigal minn individwu privat stabbilit fi Stat Membru lil individwu privat li jinsab fi Stat Membru ieħor mhijiex soġġetta għal pagament ta' dazju tas-sisa fl-Istat Membru ta' destinazzjoni. Sabiex jiġi ddeterminat li hija rigal, għandhom jittieħdu f'kont tal-inqas l-elementi li ġejjin: – ir-rigali għandhom ikunu intenzjonati għall-ħtiġijiet personali tal-persuna privata; – ir-rigali m'għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' pagament, dirett jew indirett, mir-riċevitur; – ir-rigal għandu jkun ta' natura okkażjonali.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in- Network Ġudizzjarju Ewropew	14914/08 + REV 1 (hu)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Huwa mifhum li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(2) hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji regolari.			
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tinnotta li l-Artikolu 28 tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li kwalunkwe proposta jew inizzjattiva ppreżentata lill-awtorità leġislattiva mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat KE jew it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni finanzjarja. Tali dikjarazzjoni finanzjarja biss li tikkwantifika n-nefqa tippermetti lill-Kummissjoni tippronunzja ruħha b'għarfien sħiħ dwar il-possibbiltà li tiffinanzja nefqa addizzjonali li mhix koperta mill-Azzjoni Konġunta 98/428/ĠAI dwar il-ħolqien ta' Network Ġudizzjarju Ewropew.			
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja	14927/08 + COR 1 (hu) + REV 1 (fi)	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni Huwa mifhum li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 12(6) kif imsemmija fl-Artikolu 1 il-punt 10 ta' din id-Deċiżjoni, hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji regolari.			
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tinnotta li l-Artikolu 28 tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi li kwalunkwe proposta jew inizzjattiva ppreżentata lill-awtorità leġislattiva mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat KE jew tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni finanzjarja. Tali dikjarazzjoni finanzjarja biss li tikkwantifika n-nefqa tkun tippermetti lill-Kummissjoni tippronunzja ruħha b'għarfien sħiħ dwar il-possibbiltà li tiffinanzja nefqa addizzjonali li mhix koperta b'din id-deċiżjoni dwar l-Eurojust.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni Minkejja l-Artikolu 25a(1)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata b'din id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, għal perijodu transitorju sa tmiem l-2009, l-ispejjeż għall-ivvjaġġar tal-parteċipanti (tnejn għal kull Stat Membru) fil-laqgħa plenarja annwali tan-Netzwerk Ġudizzjarju Ewropew li għandha ssir fil-bini tal-Kunsill fi Brussell u għall-interpretazzjoni f'dik il-laqgħa ser ikunu eliġibbli li jkunu koperti bid-Deċiżjoni 31/2008 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-membri tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 111/07 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni dwar l-interpretazzjoni għall-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.			
Regolament (KE) Nru 78/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-ħarsien tal-persuni mexjin u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u jħassar id-Direttivi 2003/102/KE u 2005/66/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3651/08 + COR 1 (fi)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar ismijiet tat-tessuti (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3650/08	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE	PE-CONS 3674/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3675/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3702/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw	PE-CONS 3709/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 3(1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni, mill-iktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2009, tal-pjan ġenerali li ser jipprovdri informazzjoni dwar il-lista tal-pajjiżi ta' mira u l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn l-entitajiet eliġibbli differenti, f'konformità mal-bilanċ imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament, mhix rekwiżit preliminari għall-adozzjoni tal-miżuri inizjali li jimplimentaw il-faċilità ta' finanzjament kif speċifikat fl-Artikolu 1 tar-Regolament. Huma jaqblu wkoll li l-pjan ġenerali ser jipprevedi l-possibilità tal-adattament tal-implimentazzjoni għal ċirkustanzi ġodda, jekk dan ikun meħtieġ.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 13 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-proċedura ta' tfassil tad-deċiżjonijiet għall-adozzjoni tal-miżuri implimentattivi għandha tkun kemm jista' jkun sempliċi u rapida, għall-perijodu sat-30 ta' April 2009. Il-Kunsill jaċċetta li l-perijodu biex jibgħat id-dokumenti li għandhom jittressqu għall-opinjoni tal-Kumitat għandu jkun limitat għal għaxar t'ijiem ta' ħidma. Il-Parlament Ewropew jaċċetta li l-perijodu permess għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu ta' skrutinju tal-miżuri ppreżentati lill-Kumitat għandu jintemm ħames t'ijiem ta' ħidma wara d-data meta r-Reġistru tal-Komitoloġija jkun irċieva l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-abbozz ta' miżuri. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaċċettaw li r-reazzjoni tal-Parlament tkun fis-sura ta' ittra mill-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp lill-Membri tal-Kummissjoni responsabbli, u għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Membri kollha tal-Parlament.			
Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 4/2009 tas-17 ta' Diċembru adottata mill-Kunsill, li aġixxa skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)	14516/4/08 REV 4	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 1/2009 tas-17 ta' Diċembru 2008 adottata mill-Kunsill, f'konformità mal-proċedura msemija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut tal-Annessi tiegħu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)	14518/1/08 REV 1	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
2917-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fit-18 ta' Diċembru 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 13/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tieħu nota u taċċetta t-talba ta' diversi Stati Membri biex ikollhom il-possibbiltà li jipprevedu kontribuzzjoni obbligatorja mill-ġenituri għall-finanzjament tal-iskema tagħhom ta' Frott għall-Iskejjel. Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel, li hija ser tippreżenta qabel il-31 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni għall-impatt tal-kontribuzzjoni obbligatorja mill-ġenituri fuq l-effettività tal-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel, kif ukoll il-konsegwenzi soċjali tagħha.	16321/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: UK
Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġiela (Verżjoni kodifikata)	8713/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (Verżjoni kodifikata)	8714/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (Verżjoni kodifikata)	8719/1/08 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/978/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali	13076/07 + COR 1 + REV 1 (it) + REV 3 (fi) + REV 4 (de)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Ġermanja Fejn l-eżekuzzjoni ta' Mandat Ewropew għall-Provi skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill ... tat-8 ta' Diċembru 2008* dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali tkun teħtieġ tfittxija jew konfiska¹, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirriżerva d-dritt skont l-Artikolu 23(4) ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru li tissoġġetta l-eżekuzzjoni għal verifika ta' kriminalità doppja fil-każ ta' reati relatati mat-terroriżmu, reati konnessi mal-informatika, razziżmu u ksenofobija, sabotaġġ, racketeering u estorsjoni u frodi b'għemil qarrieqi mniżżlin fl-Artikolu 14(2) ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru, dment li l-awtorità emittenti ma tkunx iddikjarat li r-reat in kwistjoni jissodisfa l-kriterji li ġejjin skont il-liġi tal-Istat emittenti: Terroriżmu: – Att li jikkostitwixxi reat fis-sens ta' u kif definit fil-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari tat-13 ta' April 2005, il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin tal-Finanzjament tat-Terroriżmu tad-9 ta' Diċembru 1999 jew fis-sens ta' wieħed mit-trattati elenkati fl-anness tagħha, jew – att li għandu jkun kriminalizzat taħt id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu², jew – att li għandu jkun ipprobit taħt ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1624 (2005) tal-14 ta' Settembru 2005. Reati konnessi mal-informatika: Reati kif definiti fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar attacchi kontra sistemi tal-informatika³, jew fit-Titolu 1 tat-Taqsima I tal-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-Ċiberkriminalità tat-23 ta' Novembru 2001. Razziżmu u ksenofobija: Reati kif definiti fl-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 96/443/JHA tal-15 ta' Lulju 1996 dwar azzjoni fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobja⁴. Sabotaġġ: Atti li illegalment u intenzjonalment jikkawżaw ħsara fuq skala kbira lil installazzjoni ta' gvern, installazzjoni pubblika oħra, sistema tat-trasport pubbliku jew infrastruttura oħra li tinvolvi jew x'aktarx tinvolvi telf ekonomiku konsiderevoli.			

* ĠU L 350, 30.12.2008, p. 72-92

¹ ĠU C...

² ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

³ ĠU L 69, 16.3.2005, p. 67.

⁴ OJ L 185, 24.7.1996, p. 5.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DIĊEMBRU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Racketeering u estorsjoni: Talba b'theddid, bl-użu tal-forza jew bi kwalunkwe mezz ieħor ta' intimidazzjoni ta' prodotti, wegħdiet, irċevuti jew l-iffirmar ta' kwalunkwe dokument li jkun fih jew li jwassal għal obbligu, aljenazzjoni jew tkeċċija. Frodi b'għemil qarrieqi: L-użu ta' ismijiet foloz jew is-sostenn ta' pożizzjoni falza jew l-użu ta' mezzi bi frodi għall-abbuż tal-kunfidenza jew il-kredulità tan-nies bil-għan li jkun approprjat oġġett li jappartjeni lil persuna oħra. Dikjarazzjoni tar-Renju tal-Olanda fir-rigward tal-Artikolu 23(3) Abbażi tal-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, l-Olanda tiddikjara li għandha l-intenzjoni li tittrasponi r-raġuni għal ċaħda stabbilita fl-Artikolu 13(1)(f) fil-liġi nazzjonali tagħha. Dikjarazzjoni tal-Ġermanja fir-rigward tal-Artikolu 23(3) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, il-Ġermanja tiddikjara li għandha l-intenzjoni li tittrasponi r-raġuni għal ċaħda stabbilita fl-Artikolu 13(1)(f) fil-liġi nazzjonali tagħha. Dikjarazzjoni tal-Isvezja fir-rigward tal-Artikolu 23(3) L-Isvezja għandha l-intenzjoni li tittrasponi fil-liġi nazzjonali tagħha r-raġuni għal ċaħda stabbilita fl-Artikolu 13(1)(f) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi biex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Artikolu 23(3) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jiddikjara b'dan li għandu l-intenzjoni li jittrasponi r-raġuni għal ċaħda stabbilita fl-Artikolu 13(1)(f)(ii) fil-liġi nazzjonali tiegħu.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
DIĊEMBRU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
